# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Lulju tas-sena 2002.**

**Numru 36**

**Avviz numru 566/01/SM**

**Maria Xuereb u ulieda Anne Xuereb, Mary Xuereb, Josephine Xuereb, Charles Xuereb u Helen Mercieca.**

**vs**

**TBS Services Ltd**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-11 ta' Gunju tas-sena 2001 li permezz tieghu l-atturi sejhu lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

1. **Thallas lill-atturi s-somma ta' disa mija u disghin Lira Maltin (LM990.00,0), rapprezentanti valur ta' hsarat u danni kagunati fil-proprjeta' tal-atturi**

**33, Psaila Street, B'Kara per konsegwenza tal-agir negligenti grass adoperat mis-socjeta' konvenuta fix-xogholijiet esekwiti fil-fond taghha 35/37 Psaila Street, B'Kara;**

**2. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' ittra ufficcjali datata 18 ta' Settembru tas-sena 2000 u ta' mandat ta' qbid prezentat fit-8 ta' Gunju tas-sena 2001 u bl-interessi skond il-ligi dekorribbli mid-data tal-istess ittra ufficcjali sal-hlas effettiv ghas-saldu kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-5 ta' Ottubru tas-sena 2001 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti:**

**1. It-talbiet tal-atturi huma tant ezagerati minhabba l-fatt li x-xoghol rimedjali kien ta' valur ferm u ferm inqas;**

**2. Illi l-esponenti offra kemm il-darba illi jirranga ghas-spejjes tieghu x-xogholijiet fejn allegatament kien hemm il-hsara liema xogholijiet l-atturi ma ridux lill-konvenut isewwi;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentant legali tas-socjeta' konvenuta;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi fid-19 ta' Settembru ta' l-1996 il-fond adjacenti ghal dak ta' l-atturi proprjeta' tas-socjeta' konvenuta inhakem minn nar u ikkaguna wkoll hsarat fl-istess abitazzjoni ta' l-atturi;**

**2. Illi fil-perjodu ta' bejn Novembru u Dicembru ta' l-1999 l-atturi gew ordnati mill-Pulizija biex**

**johorgu mill-proprjeta' taghhom meritu ta' dan il-kaz peress li mill-istess fond adjacenti proprjeta' tas-socjeta' konvenuta kien qed jaqghu xi gebel li kienu ghalhekk qed jipperikolaw hajjet l-atturi;**

3. **Illi gew periti ghan-nom ta' l-assiguraturi tas-socjeta' konvenuta biex jikkonstataw id-danni kkagunati u anke inghataw struzzjonijiet biex id-danni jigu ripristinati;**

4. **Illi meta haddiema tas-socjeta' konvenuta kienu qed ikomplu x-xoghol strutturali involut jirrizulta li kkollassa hajt komuni gholi zewg sulari u ikkaguna dizastru shieh fil-fond proprjeta' ta' l-atturi;**

5. **Illi l-istima tal-hsarat ikkagunati mill-kroll ta' dan il-hajt divizorju bejn il-proprjeta' tal-kontendenti tammonta ghal disa' mija u erbghin Lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu, (LM940.75,0);**

6. **Illi s-socjeta' assigurattrici tas-socjeta' konvenuta informat formalment lill-atturi li kienet ser taghmel tajjeb ghall-hsarat ikkagunati ghalkemm is-socjeta' konvenuta kellha biss thallas xi ammonti dovuti lill-istess socjeta' assigurattrici qabel ikun jista' jigi effettwat il-pagament;**

7. **Illi s-socjeta' konvenuta qatt ma effettwat dan il-pagament lis-socjeta' assigurattrici taghha u ghalhekk l-atturi baqghu mhux risarciti;**

8. **Illi rizultat ta' dan il-kroll, l-atturi kienu spiccaw f'sitwazzjoni tassew prekarja;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi din il-qorti hi sodisfatta li d-danni ikkagunati lill-atturi gew ikkagunati lilhom mis-socjeta' konvenuta;**

**Illi l-ammont komplessiv ta' danni sofferti mill-istess atturi huwa dak indikat fl-avviz odjern stante li l-ispejjez indikati fl-istima huma limitati biss ghal dawk koncernanti ir-ripristin tal-hajt in dizamina;**

**Ghaldaqsant, din il-qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta' konvenuta TBS Services Limited biex thallas l-ammont ta' disa' mija u disghin Lira Maltin, (LM990.00,0), lill-atturi, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi mid-data ta' l-ittra ufficcjali tat-18 ta' Settembru tas-sena 2000.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**